



C/2024/5044

16.8.2024

RAKKOMANDAZZJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

tat-8 ta' Lulju 2024

li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-riċiproċità volontarja tagħhom

(BERS/2024/3)

(C/2024/5044)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Anness IX tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali fl-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 u l-Artikoli 16 sa 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE ⁽³⁾, u b'mod partikolari t-Taqsima I tal-Kapitolu 4 tat-Titolu VII tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 18 sa 20 tagħha,

Billi:

- (1) Sabiex jiġu żgurati miżuri ta' politika makroprudenzjali nazzjonali effettivi u konsistenti, huwa importanti li jiġi kkumplementat l-għarfien meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni b'riċiproċità volontarja.
- (2) Il-qafas dwar ir-riċiproċità volontarja għal miżuri tal-politika makroprudenzjali stabbilit fir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ⁽⁵⁾ għandu l-għan li jiżgura li l-miżuri kollha tal-politika makroprudenzjali bbażati fuq skopertura attivati fi Stat Membru wieħed ikunu rreċiprokati fl-Istati Membri l-oħrajn.
- (3) Fis-7 ta' Ġunju 2024, il-Ministeru Daniż għall-Industrija, in-Negozju u l-Affarijiet Finanzjarji, li jaġixxi bħala l-awtorità maħtura għall-fini tal-Artikolu 133 tad-Direttiva 2013/36/UE, innotifika lill-BERS bl-intenzjoni tiegħu li jistabbilixxi rata ta' riżerva għal riskju sistemiku settorjali (sSyRB), f'konformità mal-Artikolu 133(9) ta' dik id-Direttiva. In-notifika tinvolvi aġġustament ta' miżura li l-ewwel ġie notifikat lill-BERS mill-Ministeru Daniż tal-Industrija, in-Negozju u l-Affarijiet Finanzjarji fl-10 ta' Ottubru 2023 iżda li għadha ma ġietx attivata u mhux se tiġi attivata.

⁽¹⁾ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

⁽²⁾ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338.

⁽⁴⁾ ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.

⁽⁵⁾ Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-15 ta' Diċembru 2015 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-riċiproċità volontarja tagħhom (ĠU C 97, 12.3.2016, p. 9).

- (4) Il-miżura ta' politika makroprudenzjali aġġustata hija differenti mill-miżura nnotifikata għall-ewwel darba f'Ottubru 2023, peress li l-parti ta' kull skopertura li tinsab f'medda tal-proporzjon bejn is-self u l-valur ta' 0 % sa 15 % hija eskluża mill-iskoperturi li għalihom tapplika r-rata aġġustata ta' sSyRB. Bħall-miżura ta' politika makroprudenzjali nnotifikata fl-10 ta' Ottubru 2023, il-miżura ta' politika makroprudenzjali aġġustata se tapplika għall-istituzzjonijiet ta' kreditu domestiċi kollha fuq bażi individwali u konsolidata. Din se japplika għat-tipi kollha ta' skoperturi li jinsabu fid-Danimarka għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li joperaw f'attivitajiet ta' proprjetà immobbli u fl-iżvilupp ta' proġetti ta' bini identifikati f'konformità mal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni (NACE) stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾. Peress li l-aġġustament sar lill-miżura sabiex l-impatt totali tar-rata ta' sSyRB jiġi allinjat mal-impatt antiċipat mill-miżura oriġinali u r-raġunament ġenerali ma nbidilx, l-aġġustament huwa kkunsidrat li jikkostitwixxi biss devjazzjoni żgħira mill-miżura li ġiet innotifikata fl-10 ta' Ottubru 2023.
- (5) Ir-rata ta' sSyRB tapplika mit-30 ta' Ġunju 2024. Il-miżura se tiġi eżaminata mill-ġdid mill-awtorità maħtura għall-fini tal-Artikolu 133 tad-Direttiva 2013/36/UE mhux aktar tard minn sentejn wara l-applikazzjoni inizjali.
- (6) Fis-7 ta' Ġunju 2024, il-Ministeru Daniż tal-Industrija, in-Negozju u l-Affarijiet Finanzjarji ppreżenta wkoll talba lill-BERS biex jirrakkomanda r-riċiprokazzjoni tal-miżura ta' politika makroprudenzjali aġġustata msemmija hawn fuq skont l-Artikolu 134(5) tad-Direttiva 2013/36/UE.
- (7) Wara n-notifika fl-10 ta' Ottubru 2023 imsemmija hawn fuq, il-BERS adotta r-Rakkomandazzjoni BERS/2023/13 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ⁽⁷⁾, li emendat ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 b'effett immedjat. Il-miżura ta' politika makroprudenzjali nnotifikata fl-10 ta' Ottubru 2023 ġiet miżjuda mal-lista ta' miżuri ta' politika makroprudenzjali li huma rakkomandati li jiġu rreċiprokati skont ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2. Fil-każ tal-miżura ta' politika makroprudenzjali nnotifikata fl-10 ta' Ottubru 2023, ġiet irrakkomandata r-riċiprokazzjoni fuq bażi individwali u konsolidata, kif mitlub mill-Ministeru Daniż tal-Industrija, in-Negozju u l-Affarijiet Finanzjarji.
- (8) Ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 tal-BERS, kif emendata bir-Rakkomandazzjoni BERS/2017/4 ⁽⁸⁾, tirrakkomanda li l-awtorità rilevanti li tattiva miżura ta' politika makroprudenzjali għandha, meta tippreżenta talba għal riċiprokazzjoni lill-BERS, tipproponi limitu ta' materjalità li taħtu l-iskopertura ta' fornitur individwali ta' servizzi finanzjarji għar-riskju makroprudenzjali identifikat fil-ġurisdizzjoni fejn il-miżura ta' politika makroprudenzjali tiġi applikata mill-awtorità ta' attivazzjoni tista' titqies bħala mhux materjali. Il-BERS jista' jirrakkomanda livell limitu differenti jekk jitqies neċessarju.
- (9) Wara t-talba Daniża li waslet fis-7 ta' Ġunju 2024 għar-riċiprokazzjoni tal-miżura minn Stati Membri oħra u sabiex: (i) jiġi żgurat li l-aġġustament sussegwenti tal-miżura makroprudenzjali Daniża tkun inkluża f'din ir-riċiprokazzjoni u (ii) tiġi preklużi l-materjalizzazzjoni ta' effetti transkonfini negattivi f'forma ta' tixrid u arbitraġġ regolatorju li jistgħu jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-miżura tal-politika makroprudenzjali li ser issir applikabbli fid-Danimarka; il-Bord Ġenerali tal-BERS iddeċieda: (a) li l-miżura nnotifikata fl-10 ta' Ottubru 2023 għandha tkompli tiġi inkluża fil-lista ta' miżuri ta' politika makroprudenzjali li tirrakkomanda li jiġu rreċiprokati skont ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2; u (b) li l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura nnotifikata fl-10 ta' Ottubru 2023 għandu jiġi aġġustat biex jiġi allinjat mat-talba għal riċiprokazzjoni li rċieva l-BERS mill-Ministeru Daniż tal-Industrija,

⁽⁶⁾ Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi ta' l-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

⁽⁷⁾ Ir-Rakkomandazzjoni BERS/2023/13 tal-Bord Ewropew għar-Riskju Sistemiku tat-8 ta' Diċembru 2023 li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfini ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-riċiproċità volontarja tagħhom (ĠU C, C/2024/3114, 6.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/3114/oj>).

⁽⁸⁾ Rakkomandazzjoni BERS/2017/4 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Ottubru 2017 li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfini ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-riċiproċità volontarja tagħhom (ĠU C 431, 15.12.2017, p. 1).

in-Negozju u l-Affarijiet Finanzjarji. Il-Bord Ġenerali tal-BERS iddeċieda wkoll li jżomm ir-rakkomandazzjoni għal limitu massimu ta' materjalità speċifiku għall-istituzzjoni ta' EUR 200 miljun biex jidderieġi l-applikazzjoni tal-prinċipju *de minimis* mill-Istati Membri reċiprokanti. L-awtoritajiet rilevanti li jirreċiprokaw il-miżura jistgħu jeżentaw lill-istituzzjonijiet mir-reqwizit ta' riżerva għal riskju sistemiku sakemm l-iskoperturi rilevanti tagħhom ma jaqbżux l-EUR 200 biljun.

- (10) Għalhekk, ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

EMENDI

Ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 hija emendata kif ġej:

- (1) fit-Taqsima 1, is-subrakkomandazzjoni C(1), il-miżura taħt id-Danimarka hija sostitwita b'dan li ġej:
- “— rata ta' riżerva għal riskju sistemiku settorjali ta' 7 % fuq it-tipi kollha ta' skoperturi li jinsabu fid-Danimarka għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li joperaw f'attivitajiet ta' proprjetà immobbli u fl-iżvilupp ta' proġetti ta' bini identifikati f'konformità mal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni (NACE), stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006, bl-eċċezzjoni li l-parti ta' kull skopertura li tinsab f'medda tal-proporzjon bejn is-self u l-valur ta' 0 % sa 15 % għandha tiġi eskluża mill-iskoperturi li għalihom tapplika r-riżerva settorjali għal riskju sistemiku.”;
- (2) l-Anness huwa emendat skont l-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-8 ta' Lulju 2024.

*Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS,
fisem il-Bord Ġenerali tal-BERS
Francesco MAZZAFERRO*

ANNEX

L-Anness tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 huwa emendat kif ġej:

(1) il-miżura taħt id-Danimarka hija ssostitwita b'dan li ġej:

“— rata ta' riżerva għal riskju sistemiku settorjali ta' 7 % fuq it-tipi kollha ta' skoperturi li jinsabu fid-Danimarka għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li joperaw f'attivitajiet ta' proprjetà immobbli u fl-iżvilupp ta' proġetti ta' bini identifikati f'konformità mal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni, stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006, bl-eċċezzjoni li l-parti ta' kull skopertura li tinsab f'medda ta' proporzjon bejn self u valur ta' 0 % sa 15 % għandha tiġi eskluża mill-iskoperturi li għalihom tapplika r-riżerva settorjali għal riskju sistemiku.”;

(2) taħt id-Danimarka, it-taqsimha intitolata “I. Deskrizzjoni tal-miżura” hija ssostitwita b'dan li ġej:

“I. Deskrizzjoni tal-miżura

1. Ir-rata ta' riżerva għal riskju sistemiku settorjali ta' 7 % se tapplika għall-istituzzjonijiet ta' kreditu domestiċi kollha.
2. Din se tapplika għat-tipi kollha ta' skoperturi li jinsabu fid-Danimarka għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji li joperaw f'attivitajiet ta' proprjetà immobbli minbarra assoċjazzjonijiet tal-akkomodazzjoni soċjali u assoċjazzjonijiet kooperattivi tad-djar u fl-iżvilupp ta' proġetti ta' bini. L-attivitajiet ekonomiċi rilevanti tad-debitur huma speċifikati b'referenza għall-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni, stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 (*).
3. Il-parti ta' kull skopertura li tinsab f'medda tal-proporzjon bejn is-self u l-valur ta' 0 % sa 15 % hija eskluża mill-iskoperturi li għalihom tapplika r-riżerva għal riskju sistemiku settorjali. Il-proporzjon bejn is-self u l-valur jiġi kkalkulat billi l-iskopertura tiġi diviża bil-valur tas-suq (stmat) kurrenti totali tal-proprjetajiet iddepożitati bħala kollateral.
4. Il-miżura se tapplika fuq bażi individwali u konsolidata.

(*) Id-determinazzjoni tas-subsettijiet speċifiċi ta' skoperturi settorjali li għalihom se tiġi applikata l-sSyRB, hija bbażata fuq il-Linji Gwida tal-EBA dwar is-subsettijiet xierqa ta' skoperturi settorjali li għalihom l-awtoritajiet kompetenti jew nominati jistgħu japplikaw riżerva għal riskju sistemiku f'konformità mal-Artikolu 133(5)(f) tad-Direttiva 2013/36/UE, (EBA-GL-2020-13), disponibbli fuq is-sit web tal-EBA fuq: www.eba.europa.eu.”;

(3) taħt id-Danimarka, it-taqsimha intitolata “II. Reċiprokazzjoni” hija sostitwita b'dan li ġej:

“II. Reċiprokazzjoni

5. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti reċiprokanti jirreċiprokaw il-miżura Daniża billi japplikawha għat-tipi kollha ta' skoperturi li jinsabu fid-Danimarka għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji involuti f'attivitajiet ekonomiċi speċifiċi, li huma ddeterminati kif ġej: 'Attivitajiet ta' proprjetà immobbli' skont il-kodiċi NACE (*) 'L', minbarra assoċjazzjonijiet tal-akkomodazzjoni soċjali u assoċjazzjonijiet kooperattivi tad-djar u 'Iżvilupp ta' proġetti ta' bini' (41.1) skont il-kodiċi NACE 'F'. Minn dawn l-iskoperturi, il-parti ta' kull skopertura li tinsab fil-medda tal-proporzjon bejn is-self u l-valur ta' 0 % sa 15 % għandha titnaqqas.
6. Wara t-talba mill-Ministeru Daniż tal-Industrija, in-Negozju u l-Affarijiet Finanzjarji, huwa rakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jirreċiprokaw il-miżura Daniża billi japplikawha fuq bażi individwali u konsolidata.

7. Jekk l-istess miżura ta' politika makroprudenzjali mhijiex disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti japplikaw, wara konsultazzjoni mal-BERS, miżura ta' politika makroprudenzjali disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom li għandha l-aktar effett ekwivalenti għall-miżura msemmija hawn fuq rrakkomandata għar-riċiprokazzjoni, inkluż l-adozzjoni ta' miżuri u setgħat superviżorji stabbiliti fit-Titolu VII, Kapitolu 2, Taqsima IV tad-Direttiva 2013/36/UE.
8. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jirreċiprokaw din il-miżura fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(*) NACE Rev.2, Klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea, ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006.”;

(4) taħt id-Danimarka, it-taqsima intitolata “III. Livell limitu ta' Materjalità” hija ssostitwita b'dan li ġej:

“III. Livell limitu ta' materjalità

9. Il-miżuri huma kkomplementati minn livell limitu ta' materjalità speċifiku għall-istituzzjoni ibbażat fuq skoperturi li jinsabu fid-Danimarka biex jidderieġu l-applikazzjoni potenzjali tal-prinċipju de minimis mill-awtoritajiet rilevanti li jirreċiprokaw il-miżura. L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jiġu eżentati mir-reqwiżit tar-rata tar-riżerva għar-riskju sistemiku settorjali sakemm l-iskoperturi settorjali rilevanti tagħhom ma jaqbżux l-EUR 200 miljun, li jikkorrispondu għal madwar 0.3 % tal-iskoperturi totali għall-kumpaniji tal-proprjetà immobbli fid-Danimarka.
10. B'mod konformi mat-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, il-livell limitu ta' materjalità ta' EUR 200 miljun huwa livell limitu massimu rrakkomandat. L-awtoritajiet rilevanti reċiprokanti jistgħu għalhekk jistabbilixxu livell limitu aktar baxx minflok japplikaw il-livell limitu rrakkomandat għall-ġurisdizzjonijiet tagħhom fejn xieraq, jew jirreċiprokaw il-miżura mingħajr ebda livell limitu ta' materjalità. Meta jistabbilixxu l-livell limitu ta' materjalità, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jikkunsidraw l-iskopertura tal-fornitur ta' servizzi finanzjarji individwali għar-riskju makroprudenzjali identifikat fid-Danimarka u jivvalutaw jekk dan jistax jitqies bħala mhux materjali.
11. Fejn ma jkunx hemm istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fl-Istati Membri li jkollhom skoperturi materjali fid-Danimarka, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati jistgħu, skont it-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, jiddeċiedu li ma jirreċiprokawx il-miżuri Daniżi. F'dan il-każ, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimmonitorjaw il-materjalità tal-iskoperturi u huwa rrakkomandat lilhom li jirreċiprokaw il-miżuri Daniżi meta istituzzjoni ta' kreditu teċċedi l-livelli limitu ta' materjalità rispettivi.”.